# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Novembru, 2018**

**Numru 8**

**Rikors Numru 1149/17TA**

**Gasan Enterprises Limited (C 467)**

**vs**

**Andre Carbonaro (191174M) u Lucia Carbonaro (527274M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Guramentat tas-Socjeta` Attrici mahluf minn Stefan Deguara u presentat fil-21 ta' Dicembru, 2017 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:

"1. Fid-19 ta' Ottubru 2010, il-kumpannija rikorrenti bieghet vettura, Ford Fiesta TI 5DR 1.4P AW bin-numru ta' identifikazzjoni ('VIN') WF0JXXWPJJAB77739 (il-"**Vettura**") lil-konvenuti Andre u Lucia Carbonaro ghall-prezz kumplessiv ta' dsatax-il elf, mitejn u wiehed u tmenin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€19,281.95)(ara t-tieni pagna tal-ftehim hawn anness u mmarkat bhala Dok "GEL 1").

2. Ghalavolja l-konvenuti ma ffirmawx il-ftehim, il-kundizzjonijiet xorta wahda kienu maqbula u l-konvenuti kellhom jhallsu l-prezz bin-nifs fuq medda ta' erbgha u tmenin (84) xahar. Il-konvenuti ffirmaw erbgha u tmenin (84) kambjala favur il-kumpanija rikorrenti fejn tlieta u tmenin (83) minnhom ghandhom valur ta' mitejn u tletin Ewro (€230) u wahda (1) ghandha valur ta' mija, wiehed u disghin Ewro u hamsa u disghin centzmu (€191.95); li b'kollox jammontaw ghal valur imsemmi fil-kuntratt.

3. Il-konvenuti hallsu biss tlettax-il elf, sitt mija u sebgha u sittin Ewro u hamsin centezmu (€13,667.50) bl-ahhar pagament li sar fis-27 ta' Settembru 2016 (ara r-rendikont ta' hlasijiet annessa bhala Dok. "GEL 2" (A) u (B) rispettivament). Minkejja diversi attentati biex il-kumpannija tipprova tigbor il-pendenzi, il-konvenuti xorta wahda baqghu ma jhallsux (ara kopja tal-ittra ufficjali numru 3191/2016 annessa bhala Dok. "GEL 3") anke wara l-hrug ta' mandat ta' sekwestru (numru 679/2017 annss bhala Dok. "GEL 4").

4. Sal-24 t' Ottubru 2017, il-bilanc pendenti huwa ta' sitt elef, tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€6,843.95) maghmul minn:

   a. €5,896.34 kapital ("GEL 2" (C));
   b. €353.13 interessi ("GEL 2" (D)); u
   c. €594.48 spejjez legali (inkl. VAT ara kopja tat-taxxi ghall-ispejjez fuq l-ittri ufficjali u l-mandat ta' sekwestru annessi u mmarkati bhala Dok. "GEL 5").

5. Il-Vettura ghadha fil-pussess u rregistrata f'isem il-konvenuti.

6. Il-Vettura tilfet mill-valur taghha u, tul il-proceduri, ser tkompli titlef mill-valur taghha u tigarrab il-hsara mill-uzu.

7. Skont klawsola 4 tal-ftehim (Dok "GEL 1"), il-kumpannija rikorrenti rrizervat is-setgha biex terga' tiehu lura l-proprjeta` u l-pussess tal-Vettura, skont il-ligi, f'kaz fejn ix-xerrej jonqos milli jhallas.

8. Illi l-kumpannija rikorrenti qed tiftah din il-kawza sabiex tezercita d-drittijiet taghha riservati fil-ftehim hawn fuq imsemmi u l-ligi u tiehu lura l-Vettura fil-proprjeta` taghha.

Ghaldaqstant il-kumpannija rikorrenti titlob, bir-rispett, lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:-

i. Preliminarjament u minhabba n-natura ta' l-oggett, tordna li l-Vettura tigi ddepozitata fil-pussess tal-kumpannija rikorrenti waqt il-pendenza

tal-kawza quddiem din il-Qorti a tenur ta' l-artikolu 949 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet u/jew tieghu dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni sabiex il-Vettura ma ggarrabx hsara u sabiex il-valur, kemm jista' jkun, ma jonqosx iktar.

ii. Tiddikjara illi l-Vettura hija proprjeta` tal-kumpannija rikorrenti skont il-ligi u skont il-ftehim bejn il-partijiet.

iii. In vista tat-tieni talba, tordna li jsir il-bdil necessarju fid-dettalji tal-*log book* tal-Vettura sabiex il-Vettura tigi registrata f'isem il-kumpannija rikorrenti minflok f'isem l-intimati.

iv. Tordna lill-konvenut sabiex jaghmel dawk l-atti kollha mehtiega u jidher sabiex jigi effettwat il-bdil mitlub fit-tielet talba.

v. Tiddikjara li l-kumpannija rikorrenti hija kreditrici tal-intimat fis-somma ta' sitt elef, tmien mija u tlieta u erbghin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€6,843.95)

vi. Tillikwida l-valur tal-Vettura u tordna lill-konvenuti jhallsu d-differenza li tirrizulta bejn il-valur tal-Vettura, kif stabbilit, u l-ammont dovut lill-kumpannija rikorrenti skont il-hames talba.

vii. Tillikwida l-ammont, jekk hemm, u tordna l-hlas ta' pendenzi fuq multi u licenzji li hemm fuq il-Vettura mill-konvenut ma' l-awtorita` ghat-Trasport f'Malta.

viii. Tinnomina kuraturi deputati sabiex okkorrendo jirraprezentaw lill-eventwali kontumaci u jghamlu dawk l-atti kollha mehtiega minnhom.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali.

B'riserva ta' kull dritt u rimedju inkluz ghal danni li ghadhom qed jigu kkawzati."

Rat li l-Konvenuti notifikati skont il-ligi ma ghamlux risposta guramentata u ghalhekk baqghu kontumaci;

Rat li fis-seduta tas-27 ta' Frar 2018 (a` fol 49) il-Konvenut Andre` Carbonaro deher personalment u wera x-xewqa li jissalda l-pagament kollu u

kif ukoll l-ispejjes tal-Kawza, izda b'dana kollu la deher aktar fis-seduti u lanqas ma jirrisulta mill-atti li ghamel dak minnu dikjarat;

Rat il-verbali tal-4 ta' Gunju 2018 u ta' l-1 ta' Novembru 2018 rispettivament li bis-sahha taghhom l-Konvenuti inghataw l-fakulta' li jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet ai termini tal-artiklu 158(10) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta liema nota qatt ma saret;

Rat in-nota tas-Socjeta' Attrici tal-10 ta' Lulju 2018 (a` fol 71) li biha irrinunzjat ghall-ewwel (1) u s-sitt (6) talba ;

Rat in-nota tas-Socjeta` Attrici tal-25 ta' Settembru 2018 (a` fol 75);

Rat ix-xhieda u dokumenti kollha presentati fil-kors tal-Kawza;

Rat li fis-seduta tal-1 ta' Novembru, 2018 il-Kawza thalliet ghal-lum ghas-Sentenza.

**<u>Punti ta' fatti</u>**

Il-fatti tal-Kawza huma semplici. Il-Konvenut xtara l-vettura skont ftehim datat 19 ta' Ottubru 2010 (ara a` fol 5 et sequens). Dan il-kuntratt jipprovdi fost ohrajn, kemm ghal modalita` ta' pagamenti tal-prezz u kif ukoll dwar it-trapass tal-poprjeta` tal-vettura mertu tal-kuntratt fid-dawl ta' klawsola 3 tal-kuntratt inkwantu s-Socjeta' Attrici irriservat id-dritt taghha ghall-vettura

imsemmija tant li l-istess huwa intestat bhala "Sale with reservation of ownership" u cioe' il-"*pactum cum riservata dominii*".

Il-Konvenut ma wasalx biex ihallas il-prezz skont kif miftiehem fil-kuntratt u ghalhekk saret din il-Kawza.

**<u>Punti ta' ligi</u>**

Huwa car li s-Socjeta` Attrici qeghdha tinvoka l-inadempjenza kuntrattwali da parti tal-Konvenut minhabba morozita` fil-pagamenti kif miftiehma. B'konsegwenza qeghdha titlob ukoll li tirriprendi l-pussess tal-vettura imsemmija b'konsegwenza tal-*"pactum cum riservata dominii"* fi klawsola 3 tal-istess kuntratt.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

Fl-ewwel lok il-Qorti ma tistax ma tinnotax li l-Kuntratt li qeghdha tistrieh fuqu s-Socjeta` Attrici ma ghandux il-firma tal-Konvenut Andre` Carbonaro. Il-Qorti qed tirreferi ghal dan il-Konvenut biss f'dan ir-rigward, ghaliex id-dokument a` fol 5 jirreferi biss ghall-Konvenut u mhux ghall-Konvenuta. Irid pero' jinghad ukoll, li l-kambjali kollha rigward il-prezz tal-vettura kienu kollha iffirmati mill-Konvenuta ukoll. B'dana kollu l-Konvenut Andre` Carbonaro deher fis-seduta tas-27 ta' Frar 2018, wara li l-Konvenuti kienu diga` notifikati bl-atti **kollha**, inkluz kull dokument li kien hemm mar-Rikors

Guramentat fosthom id-dokument GEL 1 (a` fol 5) u ddikjara li ried "jissalda l-pagament kollu kif ukoll l-ispejjes tal-kawza". F'dan l-istadju tal-Kawza l-Konvenuti kienu diga` Kontumaci. Apparti dan, il-Konvenut kien diga` qieghed ihallas il-pagamenti ratejali kif mifthema u kellu wkoll fil-pusses tieghu l-vettura u kif fil-fatt ghadha fil-mori tal-Kawza.

Aktar minn hekk, is-Socjeta` Attrici otteniet ukoll titolu esekuttiv fis-somma tlett elef sitt mija u tmenin ewro (€3,680) permezz ta' ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta tat-22 ta' Dicembru 2016 (a` fol 10). Dan ghamlitu fil-konfront taz-zewg Konvenuti. Dan ifisser, li l-Konvenut accetta indubbjament il-kundizzjonijiet tal-ftehim fuq imsemmi. Apparti dan kollu, bid-dikjarazzjoni tieghu seduta stante, gie li ammetta l-pretensjonijiet tas-Socjeta` Attrici, ghalkemm ma hiex ammissjoni formali fis-sens kif titlob il-ligi procedurali. Ammissjoni pero`, li din il-Qorti zgur trid tiehu kont taghha u ma tistax tiskarta fil-kuntest ta' dak li qeghdha titlob is-Socjeta` Attrici f'din il-Kawza. Il-Qorti tosserva wkoll li l-Konvenuti, koncessi l-fakolta' li jippresentaw nota ta' sottomissjonijiet baqghu ma ghamlu xejn.

Il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-fatt li s-Socjeta` Attrici rriservat il-propjeta` tal-vettura sakemm il-prezz kollu u spejjes ohra ancillari jithallsu mill-Konvenut. F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-**Prim'Awla tad-9 ta' Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet Malta International Airport**

**p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe per Imhallef Tonio Mallia** fejn il-Qorti fir-rigward ta' dan il-principju qalet is-segwenti:

*"Il-principju pacta sunt servanda huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat. Ara wkoll Beacon vs Spiteri Staines, App 05/10/1998; Grace Spiteri et vs Carmel sive Lino Camilleri et, PA 30/05/2002; Paul Camilleri et vs Joseph Glanville et, PA 28/04/2003); Mary Pace vs C. Fino & Sons Ltd, App Inf 17/02/2003; Tigne vs Borg, App Inf 04/10/2011."*

Li din il-kundizzjoni kienet tesisti jemergi mid-dokument esebit b'nota tas-26 ta' April 2015 (a` fol 57) konsistenti fic-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura imsemmija f'din il-kawza. Di fatti fil-kaxxa ta' dan id-dokument intestata **NOTI** hemm imnizzel hekk: "TRANSFER TO BE AUTHORISED BY MALTA TRANSPORT AUTHORITY …. HIRE PURCHASE …. SPOUSE'S CONSENT REQ'D". Dan ifisser li li meta Andre Carbonaro akkwista l-vettura inkwistjoni accetta li din kienet "on hire purchase" u li cioe` l-propjeta` taghha baqghet tas-Socjeta` Attrici. Huwa minnu ukoll li l-Konvenuta trid taghti l-kunsens taghha biex il-vettura ai fini ta' registrazzjoni ddur fuq isem il-persuna li tkun irriservat il-propjeta' tal-istess, pero' dan huwa biss rikjest ai fini amministrattiva. Kwantu ghad-dritt sostanzjali li qed ikun pretiz fil-Kawza, kif diga' accennat aktar 'l fuq, hi ma offriet ebda opposizzjoni, anzi l-

agir taghha jindika, li dak li qed tippretendi s-Socjeta' Attrici f'din il-Kawza huwa minnu.

Is-Socjeta` Attrici qed titlob li din il-Qorti tiddikjara li l-Konvenuti huma debituri taghha fis-somma ta' sitt elef tmien mija tlieta u erbghin u hamsa u disghin centezmu tal-Ewro (€6,843.95). Il-Qorti osservat li f'dan l-ammont hemm inkluz l-ammont l-iehor fuq imsemmi mertu tal-ittra ufficjali ai termini tal-artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif jirrisulta ukoll min-nota tas-Socjeta` Attrici (a` fol 75 ). Dan ifisser, li safejn jirrigwarda l-ammont li qed ikun mitlub f'din il-Kawza, s-Socjeta` Attrici diga` otteniet titolu esekuttiv. Isegwi li jkun ragjonevoli li l-ammont li qed jintalab f'din il-Kawza jitnaqqas bl-ammont mertu ta' l-ittra Ufficjali ai termini tal-artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fuq imsemmija.

Irid pero' jigi nnotat, li s-Socjeta` Attrici, ai fini tal-hames talba, illimitat ruhha ghall-ottiment ta' dikjarazzjoni ta' likwidazzjoni ta' kull ammont li talvolta jista' huwa dovut lilha mill-Konvenuti. Fi ftit kliem, ma hemm ebda talba specifika ghall-kundanna tal-ammonti hekk likwidati. Dan ifisser li l-Qorti, konfinata kif inhi mit-talbiet kif maghmula, mhux ser tkun qed tipprovdi ghall-kundanna ta' hlas, b'riserva ovvjament ghal kull rimedju iehor li talvolta jista' jkollha s-Socjeta` Attrici kontra l-Konvenuti f'dan ir-rigward.

Dan jista' ukoll jinghad ghar-rigward tas-sebgha talba, li wara li rat id-dokument VR2 (a` fol 68) , il-Qorti ser tkun qed tillikwida l-ammont dovut mill-Konvenuti fis-somma ta' elf, sebgha mija u tletin ewro (€1730).

Fl-ahhar nett jigi rilevat, li fir-rabgha (4) talba s-Socjeta` Attrici ma talbitx il-fissazzjoni ta' zmien meta l-Konvenuti ghandhom jaghmlu l-atti li taghhom qed tintalab l-ordni. B'danakollu, il-Qorti ser tkun qed tipprovdi dwar dan fit-termini ta' dak li jipprovdi l-artiklu 222 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Decide**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-Kawza bil-mod segwenti u cioe`:

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-**ewwel** talba stante li s-Socjeta` Attrici irrinunzjat ghall-istess permezz tan-nota tal-10 ta' Lulju 2018 (a` fol 71).

**Tilqa' it-tieni** u **t-tielet** talba.

**Tilqa' ir-raba'** talba kif mitluba u tordna lill-Konvenuti sabiex fi zmien tlett (3) xhur mid-data ta' din is-Sentenza jaghmlu dak kollu mitlub f'din it-talba.

**Tilqa' il-hames talba** izda ghar-ragunijiet fuq spjegati limitatament ghall-ammont ta' tlett elef, mija tlieta u sittin u hamsa u disghin centezmu tal-Ewro (€3163.95) bl-imghaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

**Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tas-**sitt talba** stante li s-Socjeta` Attrici irrinunzjat ghall-istess permezz tan-nota tal-10 ta' Lulju 2018 (a` fol 71).

**Tilqa' is-seba' talba** u tillikwida l-ammont fis-somma ta' elf, sebgha mija u tletin ewro (€1730) bl-imghaxijiet skont il-ligi minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

**Tilqa' it-tmien talba** fis-sens li ai fini tar-raba' talba, jekk il-Konvenuti ma jaghmlux dak lilhom ordnat fiz-zmien moghti aktar 'l fuq, il-Qorti qed tahtar lill-Avukat Richard Sladden biex jidher minflok il-Konvenuti sabiex isir dak kollu mitlub fir-raba' talba u dan f'data li jaqblu dwarha s-Socjeta` Attrici u l-imsemmi Avukat.

Dwar l-**ispejjes** tal-Kawza, kwantu dawk li jirreferu ghall-ewwel u s-sitt ikunu a` karigu tas-Socjeta` Attrici. Kwantu ghat-talbiet l-ohrajn u spejjes tal-kuratur, a` karigu tal-Konvenuti.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**